MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 308/2007/1

**Dorothy Galea Debono, Robert Zammit, it-tabib kirurgu Anthony Zammit, Isabella Zammit bħala mandatarja tal-assenti bintha l-Avukat Dottor Maria Zammit, Mark Zammit u Anna Zammit**
***v.***
**Carmel sive Charles Busuttil u Maria Ella sive Mariella mart l-istess Carmel sive Charles Busuttil u b'digriet tal-10 ta' Diċembru, 2007 Mark Busuttil ġie ammess jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-appellant intervenut fil-kawża Mark Busuttil [“ir-Rikorrent”] għat-tnaqqis tal-garanzija għall-għanijiet tal-artt. 209 u 249 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Ir-Rikorrent kien notifikat b’avviż maħruġ taħt l-artt. 209 u 249 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mgħarraf illi, sabiex ikun jista’ jinstema’ l-appell tiegħu, hu kellu jagħmel garanzija għall-ispejjeż tal-kawża fl-ammont ta’ sbatax-il elf, mija u tlieta u sebgħin ewro (€17,173.00) għad-dritt tar-reġistru u sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u żewġ ewro (€27,302.00) għad-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali, b’kollox erbgħa u erbgħin elf, erba’ mija u ħamsa u sebgħin ewro (€44,475.00).

3. Din il-garanzija hija meħtieġa sabiex jinstema’ l-appell tar-Rikorrent minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta’ Novembru 2009 f’kawża dwar qsim ta’ proprjetà permezz ta’ bejgħ b’liċitazzjoni. Ir-Rikorrent kien intervjena fil-kawża għax ippretenda li għandu sehem ta’ wieħed minn sitta ($^{1}/6$) mill-proprjetà u għalhekk kellu jieħu sehem fil-qasma. L-ewwel qorti ċaħdet din il-pretensjoni tar-Rikorrent, u r-Rikorrent appella b’rikors tas-7 ta’ Diċembru 2009.

4. Wara li kien notifikat bl-avviż tal-garanzija fuq imsemmi, ir-Rikorrent, b’rikors ieħor ippreżentat fil-15 ta’ Novembru 2012, talab illi l-ammont tal-garanzija jiġi mnaqqas għar-raġuni illi hu fissirha hekk:

“… il-garanzija mitluba hija eċċessiva *stante* illi l-appell tiegħu huwa wieħed ibbażat fuq id-dritt tiegħu għal sest indiviż fl-assi li tagħhom qed tintalab id-divizjoni u l-konsegwenti bejgħ b’liċitazzjoni;

“Illi għalhekk il-veru mertu ta’ dan l-appell hija r-rivendikazzjoni ta’ dan is-sest tal-proprjetà mill-appellant u d-dritt fuq l-appell irid jiġi intaxxat fuq dan il-mertu tant li l-appell jitlob ir-riforma u mhux ir-revoka. *Inoltre* l-attenzjoni ta’ din l-onorabbli qorti tiġi attirata għall-fatt li f’kawżi ta’ diviżjoni japplika d-dispost tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) li fl-artikolu 16 tat-tariffa E tal-Iskeda A jipprovdi li f’kawżi ta’ diviżjoni jiġi intaxxat dritt wieħed li għandu jinqasam bejn il-partijiet;

“Illi għalhekk huwa evidenti li d-dritt intaxxat jrid jiġi ripartit bejn l-avukati tal-partijiet fil-kawża u l-kawtela hija intiża

biex tikkawtela biss id-dritt tal-avukat ta' kull parti u għalhekk bl-istess mod dik il-kawtela trid tiġi ridotta għaliex evidentement l-avukat li jirrappreżenta lill-appellati ma jirrappreżentax l-intier tal-proprjetà u għalhekk huwa intitolat biss għas-sehem lilu spettanti minn dak id-dritt u l-kawtela trid tkun f'dak l-ammont."

5. Il-konvenuti qablu mat-talba iżda l-atturi opponew.

6. L-argument tar-Rikorrent huwa msejjes fuq il-para. 16 tat-Tariffa E mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**"16.** F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà, indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss *ad valorem* … fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma – iżda f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà *causa mortis* dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet … … …"

7. Ir-Rikorrent igħid illi dan il-paragrafu "jipprovdi li f'kawżi ta' diviżjoni jiġi intaxxat dritt wieħed li għandu jinqasam bejn il-partijiet". Din iżda ma hijiex interpretazzjoni tajba tal-kliem tal-para. 16. Il-kliem tal-liġi juri illi għandu jiġi intaxxat "dritt wieħed" mhux fis-sens ta' dritt wieħed bejn il-partijiet kollha iżda fis-sens ta' dritt wieħed flok dritt għal kull talba; u meta jingħad illi "għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet" ir-referenza hija mhux għad-dritt iżda għall-assi ereditarju li tiegħu jintalab il-qsim. Kien ikollu raġun l-attur li kieku l-kliem tal-liġi kien "dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari u għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet". L-użu tal-kelma "li" flok "u" iżda juri illi l-kliem "għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet" jirreferi għall-assi u mhux għad-dritt.

8. Barra minn hekk, iżda, ladarba fil-każ tallum it-talba kienet illi l-qsim tal-proprjetà jsir b'liċitazzjoni, u dik it-talba ntlaqgħet fis-sentenza, il-likwidazzjoni tad-dritt tal-avukat hija regolata mhux bil-para. 16 tat-Tariffa E iżda bil-para. 17:

**"17.** F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà meta d-diviżjoni tal-proprjetà kollha involuta ma tkunx tista' ssir ħlief permezz ta' liċitazzjoni, kemm-il darba dik it-talba ssir fir-rikors u tiġi konfermata fis-sentenza finali, id-drittijiet dovuti lil kull

Avukat fil-kawża għandhom ikunu intaxxati bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq il-valur tal-proprjetà f'liċitazzjoni salv li fl-ebda każ dak id-dritt ma għandu jkun iżjed minn dak intaxxat fil-paragrafu 13 …"

9. Il-kliem tal-liġi jagħmilha ċara illi dan id-dritt huwa dovut "lil kull avukat". Il-*quantum* tad-dritt imbagħad jinħadem bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) tal-proprjetà. Fil-każ tallum il-proprjetà ġiet stmata hekk:

| | |
|---|---|
| 137/7 Triq it-Torri, tas-Sliema | € 559,050.00 |
| 137/8 Triq it-Torri, tas-Sliema | € 559,050.00 |
| arja fuq 137/8 Triq it-Torri, tas-Sliema | € 407,640.00 |
| b'kollox | € 1,525,740.00 |

10. Id-dritt ta' kull avukat mela jiġi ħmistax-il elf, mitejn u sebgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€15,257.40), li, kif jidher fl-iskeda mehmuża ma' din is-sentenza, ma huwiex iżjed minn dak intaxxat taħt il-para. 13.

11. Id-dritt tal-prokuratur legali huwa terz ta' dak tal-avukat[1] u għalhekk jiġi ħamest elef u ħamsa u tmenin ewro u tmenin ċenteżmu (€5,085.80). Id-dritt tal-avukat u prokuratur legali, b'kollox, jiġi għoxrin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€20,343.20).

12. Fuq appell dan id-dritt jiżdied b'terz[2] u jiġi sebgha u ghoxrin elf mija erbgha u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin ċenteżmu (€27,124.27), li huwa mija sebgha u sebghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€177.73) aktar mill-ammont kawtelat ghad-dritt tal-avukat u P.L.

13. Il-Qorti ghalhekk tipprovdi fuq ir-rikors billi tordna li l-ammont tal-garanzija jitnaqqas b'mija sebgha u sebghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€177.73).

[1] Para. 40, Tariffa E.

[2] Para. 38, Tariffa E.

| | |
|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo |
| | Noel Cuschieri |
| Prim Imħallef | Imħallef |
| | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ld

Skeda mas-sentenza *in re* <u>Dorothy Galea Debono *et v.* Carmel *sive* Charles Busuttil *et*</u> (rikors maħluf numru 308/2007)

| Dritt tal-avukat (Tariffa E, para. 13) | |
|---|---|
| | € |
| fuq l-ewwel Lm1,164.69 | 116.47 |
| sa €23,293.73 | 664.05 |
| fuq il-bqija, sa €1,525,740.00 | 15,028.50 |
| B'kollox | 15,809.02 |

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------